# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 2 TA' MARZU 2001**

**Avviz Nru 1958/98DM**

**Yose Buttigieg ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Pace Associates Limited**

**Vs**

**Wise Limited u b'digriet datata 2 ta' Marzu 1999 il-Qorti awtorizzat il-korrezzjoni fis-sens illi l-isem is-socjeta konvenuta jigi jaqra WISE Limited u b'digriet datata 30 ta' April 1999 il-Qorti awtorizzat il-korrezzjoni fis-sens li isem is-socjeta konvenuta jigi jinqara Advance Computer Technology Limited**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz tal-atturi nomine fejn talab il-kundanna tal-konvenut sabiex ihallashom is-somma ta' mija u wiehed u tletin lira Maltin u seba' u ghoxrin centezmu (Lm131.27), bilanc minn somma akbar rappresentanti din is-somma prezz ta' merkanzija lil konvenut mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez u bl-imghax u l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Advanced Computer Technology Limited fejn eccepixxa illi:

1 Preliminarment illi l-attur ghandu jgib prova tal-mandat tieghu;

2 Fl-ewwel lok illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

3 Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, l-inkompetenza rationae valoris ta' din l-Onorabbli Qorti;

4 Fit-tielet lok u bla pregudizzju ghas-suespost, il-preskrizzjoni tat-talbiet attrici a tenur tal-artikolu 2148 (a) u (b) tal-Kodici Civili;

5 Fir-raba lok u bla pregudizzju ghas-suespost kwalsiasi obbligu li sata kellha is-socjeta konvenuta spiccat ipso jure bin-nuqqas tas-socjeta attrici li twettaq jew li taghti dak li dak li kienet intrabtet li twettaq jew taghti

6 Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

7 Illi fi kwalsiasi kaz, l-eccipjenti ma ghandux ibati spejjez ta' korrezzjonijiet u notifiki inutili;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk jkun il-kaz.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Frar 2000 fejn il-kontendenti ittrattaw it-tielet eccezzjoni tal-konvenut fejn issollevaw l-inkompetenza ta' din il-Qorti 'rationae valoris' u talbu li tinghata sentenza dwarha.

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghandhu jinghadu mill-ewwel illi l-gurisdizzjoni ta' l-Qorti tigi radikata meta jigi pprezentat l-avviz u mhux meta ssir in-notifika tieghu lill-konvenut.

Irrispettivament mill-korrezzjonijiet li jkunu awtorizzati mill-Qorti u l-htiega ta xi notifika ulterjuri li tkun mehtiega, id-data rilevanti ghall-finijiet tal – gurisdizzjoni tibqa dejjem id-data li fiha giet intavolata l-kawza.

Din il-kawza giet ipprezentata fl-14 ta' Ottubru 1998 u f'dak il-jum, il-kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar kienet digia giet awmentata ghal Lm250. Infatti l-Att XII tal-1998 promulgat fis-26 ta' Mejju 1998 kien ipprovda ghaz-zieda fil-kompetenza tal-imsemmi Tribunal u bhala data li fiha l-artikolu kollha ta' dak l-Att kellhom jibdew isehhu, l-Avviz Legali relattiv tal-1998 stabillixxa l-**1 ta' Settembru 1998.**

Ghalhekk, stante li l-valur tas-sorte huwa ta' Lm131.27, il-gurisdizzjoni esklussiva kienet tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fid-data meta gie pprezentat l-avviz.

Ghaldaqstante tilqa l-eccezzjoni tal-inkompetenza 'rationae valoris' sollevat mill-konvenut u tiddikjara ruhha inkompetenti li tiehu konjizzjoni tal-kaz.

Bl-ispejjes kontra l-atturi.

Magt Dr D Montebello B A LLD

A. Farrugia
Dep.Reg.

Civil 25